# L-ISQOF CARUANA U L-BANDA VILHENA

Meta Mauro Caruana sar Isqof ta' Malta ovvjament il-Furjaniżi ferħu bil-kbir. Fil-fatt tawh merħba kbira meta ħa sehem għall-ewwel darba fil-Festa ta' San Publju fl-1915. Bħala tifkira ta' dan partitarji tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena rregalaw bandalora lill-każin bil-kliem 'l Florianesi alla Filarmonica Vilhena' u bl-arma ta' l-Isqof Caruana fuqha. Din għadha fil-każin sal-lum.




**Il-bandalora bl-istemma ta' l-Isqof Caruana**

Fil-każin tal-Banda tagħna nsibu wkoll dan ir-ritratt li juri lill-Isqof Mauro Caruana (fin-nofs tar-ritratt) mal-Kumitat tas-Soċjetà. Jiena qed nissoponi li dan ir-ritratt seta' ttieħed proprju meta l-Isqof Caruana sar Isqof ta' Malta fl-1915. Sfortunatament fuq dan ir-ritratt, li forsi kien anki tqatta' kawża tal-gwerra u ġie mġonġi, ftit jew xejn nafu minħabba li ħadd ma ndenja jniżżel l-okkażjoni li għalih ittieħed u anki min huma l-persuni li jidhru fih.

Għamilna ftit riċerka iżda, u bl-għajnuna ta' xi anzjani rnexxielna nistabbilixxu min huma whud mill-persuni. Jekk xi ħadd ikun jista' jgħinna niskopru min huma tant aħjar u jkun ta' sodisfazzjon għalina għax inkunu qed nerġgħu nibnu l-istorja, ħafna minna mitlufa, tas-Soċjetà.

Fuq in-naħa tax-xellug ta' l-Isqof Caruana qed naraw lill-Arċipriet Francesco Mallia, imlaqqam 'Il-Mulej', waqt li fuq in-naħa tal-lemin irnexxielna niskopru li l-persuna hi l-President tas-Soċjetà l-Perit Emanuel Borg li dam fil-kariga mill-1913 sa l-1917. Għaldaqstant aktar wasalt għall-konklużjoni li r-ritratt probabbli ttieħed fl-1915, jiġifieri fis-sena li fiha Caruana nħatar bħala Isqof ta' Malta.

Hija ħasra li fil-każin tagħna ma hemmx ritratt tal-Perit Borg ma' l-inkwatri tal-Presidenti li servew lis-Soċjetà (u għalhekk ukoll ma stajniex inqabblu dan ir-ritratt ma' l-inkwatru tiegħu) probabbli għax kien intilef fil-gwerra, imma issa wieħed jista' jkabbar wiċċu minn fuq dan ir-ritratt u jitqiegħed kif jixraq mal-bqija ta' l-inkwatri tal-Presidenti.

Min-naħa tiegħi, malli rajt ir-ritratt qisu bħal inħsadt għax għidt li l-persuna li qiegħda l-ewwel fuq ix-xellug fil-filliera ta' wara hija n-nannu tiegħi Ganni Bencini, magħruf bħala s-'Sur Ġann'. Għalkemm ovvjament jidher ħafna iżgħar milli niftakru jien, stajt nagħrfu peress li kont segwejt mill-kotba ta' l-istorja l-karriera politika u sportiva tiegħu. Ftakart ukoll li ommi kienet tgħidli li fil-perjodu li kien jgħix fil-Floriana missierha u l-familja tiegħu li kienet għadha qed tinbena, u qabel ma waqqaf il-Melita F.C., kien anki membru tal-Kumitat tal-Floriana F.C., però qatt ma qaltli li kien membru fil-Kumitat tal-Vilhena. Il-konferma iżda ħadtha meta tajt titwila lil wieħed mill-ftit reġistri ta' qabel il-gwerra li għadhom jeżistu fil-każin, dak tas-Soċi, u fil-lista tal-membri ta' dik l-epoka hemm imniżżel 'Bencini Giovanni'.

Persuna oħra fir-ritratt, l-ewwel mil-lemin fil-filliera ta' wara, skond wieħed anzjan, huwa ċertu Dun Franġisk, magħruf b'Ta' Zamborg' li kien jieħu ħsieb il-Kappella tad-Duluri li hemm f'Tal-Pietà. Maġenb dan is-saċerdot imbagħad insibu lis-Surmast Direttur tal-Banda Alfred P. Hare. It-tieni persuna fuq ix-xellug fil-filliera t'isfel ħafna qalulna, però mhux b'ċertezza, li hu t-Tabib John Cesareo, filwaqt li anzjan ieħor qalilna li min għalih li l-persuna l-oħra ta' maġenbu kien xi Nutar.

Xtaqna nkunu nafu wkoll fejn kien ittieħed dan ir-ritratt iżda ħadd ma seta' jidentifikah. Forsi b'xi mod, u bl-għajnuna ta' xi ħadd, inkunu nistgħu nidentifkaw aktar nies f'dan ir-ritratt għax hija ħasra li f'dawk iż-żminijiet ħadd ma ndenja jniżżel l-ismijiet tal-persunaġġi li qegħdin fih. Nitlobkom ukoll tosservaw il-figura li hemm proprju f'nofs fuq wara nett. Tistgħu tarawh b'uniformi u jidher li kien il-paġġ ta' l-Isqof Caruana, fatt interessanti li forsi llum narawh kemxejn stramb.

## SUĠĠERIMENT

**Xtaq nagħlaq billi nagħmel osservazzjoni u suġġeriment. Fil-każin tal-banda tagħna minbarra l-bandalora li fiha l-arma ta' l-Isqof Mauro Caruana hemm ukoll oħra li għandha l-arma ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi li kien ukoll Patrun tas-Soċjetà.**

**Nissuġġerixxi li għandha ssir bandalora bl-arma ta' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca li wkoll huwa Patrun tas-Soċjetà u b'hekk tiżdied ukoll ir-rabta tal-Parroċċa tagħna, kif inhu xieraq, ma' l-Isqfijiet ta' Malta li huma s-suċċessuri tal-Patrun tagħna San Publju.**